**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-28 T'OTTUBRU, 2021**

**Kawza Numru: 23**

**Rik. Gur. 338/2020 RGM**

**Istage Limited**
**(C – 71459)**

**vs.**

**World Entertainment Company S.r.L.**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors guramentat tas-socjeta` Istage Limited** prezentat fil-25 ta' Mejju, 2020 li permezz tieghu ippremettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta, s-socjeta` attrici forniet diversi servizzi u kriet apparat sabiex jittella l-ispettaklu Radio Italia li gie organizzat u mtellgha mis-socjeta` konvenuta nhar l-4 t'Ottubru, 2019, fil-Fosos tal-Floriana f'Malta;

2. Illi l-prezz pattwit bejn il-partijiet kien fis-somma komplessiva ta' Euro 45,000 konsistenti f'apparat ghall-*istaging* (ara fattura annessa u mmarkata bhala Dok A);

3. Illi s-socjeta` konvenuta baqghet ma hallsitx is-somma ta' Euro 45,000 dovuta lis-socjeta` attrici u dan minkejja li giet interpellata diversi drabi sabiex taghmel dan;

4. Illi ghaldaqstant is-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' €45,000, olte l-imghax legali dekorribbli skont il-Ligi;

5. Illi fil-fehma tas-socjeta` rikorrenti, s-socjeta` konvenuta m'ghandha l-ebda eccezzjoni x'tissoleva kontra t-talbiet ta' l-istess socjeta` rikorrenti;

6. Illi s-Sur Nigel Vella ghan-nom tas-socjeta` rikorrenti jaf personalment b'dawn il-fatti kollha.

Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandiex tiddeciedi billi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi li s-socjeta` konvenuta hija debitrici tas-socjeta` attrici fl-ammont ta' €45,000.

2. Tordna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' €45,000.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-fattura skont il-Ligi kontra s-socjeta` konvenuta li hija min issa ngunta in subizzjoni.

Rat illi s-soċjeta' konvenuta ġiet notifikata fid-9 ta' Settembru 2020 tramite l-kuratur tagħha Dr Angelo Zanetto ġewwa l-Italja ai termini tar-Regolament numru 1393/2007.

Rat illi s-soċjeta' konvenuta ma ppreżentatx risposta ġuramentata u għalhekk hija kontumaċi.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawża tħalliet għallum għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Is-soċjeta' attriċi reqet bħala xhud lid-direttur tagħha Carmel Magro li spjega li kien sar ftehim bejn il-partijiet sabiex is-soċjeta' attriċi tippresta diversi servizzi lis-soċjeta' konvenuta in konnessjoni ma' festival li s-soċjeta' konvenuta kienet qed torganizza ġewwa Malta liema servizzi kienu jinkludu scaffolding u installazzjoni ta' platforms. Spjega l-invoice

li tinsab eżebita a fol. 48 tal-proċess fis-sens illi l-kont globali kien jammonta għal €90,000 filwaqt li sa issa s-soċjeta' konvenuta ħallset biss is-somma ta' €45,000 u għalhekk baqa' bilanċ ta' €45,000.

Jirriżulta sodisfaċenement illi t-talbiet attriċi huma fondati.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti, fil-kontumaċja tas-soċjeta' konvenuta, tilqa' t-talbiet attriċi,

1. Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta debitrici tas-socjeta` attrici fis-somma ta' €45,000.

2. Tordna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' €45,000.

Bl-ispejjez kontra s-soċjeta' konvenuta u bl-imghax legali dekorribbli mid-data tal-fattura u ċioe' mit-2 ta' Ottubru 2019 sad-data tal-effettiv pagament.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imhallef**
28 ta' Ottubru 2021

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**